**378. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Billi fil-mozzjoni approvata mill-Kamra tad-Deputati fis-seduta Nru 374 tad-29 ta’ Lulju 1986 dwar rappreżentanza tal-Parlament Malti fl-Assemblea Konsultattiva fil-Kunsill tal-Ewropa kien ġie riżolut li n-nomina ta’ kull rappreżentant u ta’ kull sostitut tiegħu tibqa’ fis-seħħ ta’ dan il-Parlament jew sakemm din il-Kamra ma tiddeċidix xort’ oħra; u

Billi l-Onorevoli Membri l-kariga tagħhom tispiċċa max-xoljiment tal-Parlament;

Għalhekk huwa riżolut li l-Onorevoli Membri u sostituti preżenti fid-delegazzjoni Maltija għal Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ta’ Ewropa jkomplu jgawdu dritt ta’ rappreżentanza sakemm il-Kamra tiddeċiedi xorta’oħra.

**13.02.1987**